**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 9 ta' Ottubru 217**

**Rikors Numru 77/2016**

**Raymond Mary Celeste**

**Vs**

**L-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2017 giet kjamata in kawza JobsPlus**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Raymond Mary Celeste**ipprezentat fil-21 ta' Novembru 2016 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponent kien ilu żmien twil reġistrat taħt Parti I tal-Employment and Training Corporation (ETC), illum magħrufa bħala Jobsplus, konsistenti fi Skema intiża għal dawk il-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impieg, fis-sens li bħala persuna mhux impjegata huwa ġie reġistrat bħala persuna qegħda fit-termini tal-liġi in materja u bil-kundizzjonijiet speċifikati bil-liġi, fosthom li jattendi u jirreġistra għal programmi taċ taħriġ kull meta Jobsplus jibgħatu għalih għal dan il-għan.*

*Ukoll, peress li l-esponent ma kellux, u attwalment m'għandux mezzi finanzjarji biżżejjed sabiex imantni lilu nnifsu, huwa ikkwalifika għall-benefiċċji soċjali kollha applikabbli fiċ-ċirkostanzi.*

*Issa ġara illi fil-11 t'Awwissu, 2016, l-allura ETC, illum Jobsplus, kienu nfurmawh li peress li kienu bagħtulu ittra allegatament reġistrata mibgħuta fl-indirizz residenzjali tal-esponent fejn suppost ġie mgħarraf li ismu kien tneħħa mir-reġistru tax-xogħol minħabba li huwa "**DID NOT TURN UP FOR WORK PROGRAMME INITIATIVE".** (Dok. A).*

*Biss, l-esponent mill-ewwel sostna li l-imsemmija ittra u intimazzjoni qatt ma ġiet innotifikata lilu u baqa' ma rċevieha qatt, u kien biss meta mar fl-uffiċji tal-ETC ġewwa l-Belt Valletta, li raha u sar jaf biha għall-ewwel darba. Tant l-esponent ried jasserixxi din il-pożizzjoni tiegħu li effettivament spiċċa sabiex bl-akbar responsabbilta' għamel affidavit fejn iddikjara u ħalef għal din l-allegazzjoni tiegħu (Dok. B).*

*Ukoll, tant l-esponent isostni din l-allegazzjoni tiegħu li effettivament l-istess ETC ossija JobsPlus għandhom provi biżżejjed li juru li l-esponent qatt ma kellu xi oġġezzjoni jew wera xi traskuraġni jew nuqqas t'interess li jattendi għal xi kors ta' taħriġ li talvolta seta' kien mitlub li jattendi, fosthom li din is-sena stess huwa għadu kemm temm b'suċċess kors tal-Food Handling organizzat mill-istess ETC ossija JobsPlus! Dan biex ma jissemmix ukoll il-fatt l-ieħor magħruf lil ETC ossija JobsPlus, li l-esponent dejjem wera nteress u kien disponibbli li jsib impieg u jaħdem billi kull meta ġie notifikat b'impiegi mill-ETC ossija JobsPlus li setgħu jgħoddu għalih, dejjem applika u rreġistra għalihom u bagħat is-CV tiegħu.*

*Issa tajjeb li dan l-Onorabbli Tribunal jifhem sew l-ambjent residenzjali tal-esponent, ambjent ġewwa blokk appartamenti t'erbgħa sulari fil-Belt Valletta fejn fl-imsemmi blokk jgħixu persuni anzjani, b'waħda minnhom partikolarment iffissata li kif tara ammont ta' korrispondenza tar-reklamar akkumulat fil-kaxxa postali komuni hija taqbad u teqirdu u tiddistruġġih. Ukoll, peress li l-esponent ma kienx irceva l-ewwel intimazzjoni, kuntrarjament għat-tieni okkażjoni fejn effettivament debitament irceva l-ittra li din id-darba ma kinetx reġistrata, li biha ġie nfurmat li l-Awtorita' Nazzjonali tax-Xogħol, wara li semgħet l-appell tiegħu, ma laqgħatx il-każ tiegħu (Dok. C), il-probabilita' kbira kienet li peress li meta tal-posta ittenta jinnotifika lill-esponent, huwa ħalla l-istess intimazzjoni sabiex jiġbor l-ewwel ittra fil-kaxxa postali komuni li tinsab fl-entrata prinċipali minflok fil-kaxxa partikolari speċifika tal-esponent li tinsab fuq in-naħa taċ ġewwa tal-blokk.*

*Bħala konsegwenza ta' dawn l-avvenimenti, konsistenti f'aspetti purament proċedurali u malintiżi ġenwini u umanament plawżibbli ħafna, u xejn ta' natura sostantiva preġudizzjevoli, l-esponent spiċċa sabiex ġie inġustament u intortament punit u issanzzjonat kemm minn Jobsplus fl-ewwel istanza, kif ukoll mill-Awtorita' Nazzjonali tax-Xogħol fit-tieni istanza u fi stadju t'appell, fis-sens li huwa tneħħa b'mod definitiv u permanenti minn fuq ir-reġistru tax-xogħol.*

*Għaldaqstant, l-esponent, ai termini tal-artikoli 2, 5(1), 7, 14 u 15 tal-Att DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta), bħala rimedju xieraq, effettiv u idoneu għall-akkadut, qiegħed umilment jadixxi u jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jordna r-revoka u taħsir tad-deċiżjoni kemm tal-ETC ossija Jobsplus fl-ewwel istanza, u dik tal-Awtorita' Nazzjonali tax-Xogħol fit-tieni istanza u fi stadju t'appell li t-tnejn li huma flimkien waslu sabiex l-esponent ġie imneħħi minn fuq ir-reġistru tax-xogħol, u minflok jordna li isem l-esponent jerġa' jitqiegħed fuq ir-reġistru tax-xogħol bil-benefiċċji kollha attinent għall-imsemmija reġistrazzjoni skont kif stabiliti u preskritti bil-liġi in materja u skont kif l-esponent*

*kien jużufruwixxi minnhom qabel ma tneħħa minn fuq l-imsemmi reġistru, u dana għab-bażi ta' dak li jiddisponu u jikkontemplaw l-artikoli 3 u 6 tal-imsemmi Kap. 490 dwar il-principji t' imġiba amministrattiva tajba stabbiliti fl-artikolu 3.*

*Bhala xhieda ta' dak hawn fuq espost u allegat u sostnut bħala fatt mill-esponent, l-istess esponent qiegħed għall-finijiet u effetti kollha tal-imsemmi Kap. 490 jindika u jelenka lilu nnifsu, lill-ġirien tiegħu fl-imsemmi blokk residenzjali tiegħu kif ukoll rappreżentanti ta' ETC ossija Jobsplus fid-diversi kapaċitajiet rispettivi tagħhom sabiex jiġi ppruvat li l-esponent igawdi minn rekord konsistenti t'interess u ġenwinita' f'li tassew jikseb xi forma t'impieg jew ieħor u li nel frattemp għandu passat fejn kien ġa' hekk irreġistra għal programmi u korsijiet ta' taħriġ f'diversi snajja u ħiliet.”*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol** ipprezentata fil-5 ta' Dicembru 2016 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*“1. Illi in liena preliminari sabiex il-gudizzju ta' dan il-kaz ikun integru, ikun necessarju li tigi kjamata fil-kawza l-Korporazzjoni 'Jobsplus';*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-permess, fil-mertu, filwaqt li l-Awtorita' esponenti tichad bil-qawwa l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti bhala infondati u fid-dritt, tissottolinea dan li gej:*
*2.1 Illi ghandu jirrizulta bic-car li l-Korporazzjoni 'Jobs Plus' u sussegwentement l-Awtorita' waslu ghad-decizjoni taghhom wara li gharblu l-provi kollha tal-kaz skont ir-rekwiziti tal-gustizzja u l-ekwita' u ghalhekk id-decizjoni tal-Awtorita' li ttiehdet fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2016 hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata;*
*2.2 Illi hija r-responsabbilta' ta' kull persuna li jiccekkja l-posta li jircievi fil-post fejn jabita. Fil-fatt, persuna li ilha hafna ma tahdimx tista' tissorvelja l-posta li tidhol b'mod mill-iktar effikaci u ma thallix posta takkumula fil-kaxxa postali. F'dan il-kuntest, tenut kont iz-zmien twil li r-rikorrent ilu jirregistra, l-esponent ma jistax jaghmel tajjeb hu ghal negligenzi u traskuragni da parti ta' min suppost huwa vigilanti mal-posta u l-pustier sabiex jara jekk waslitx xi offerta ghal xoghol gdid;*
*2.3 Dato ma non concesso li dak li qed isostni r-rikorrent fit-tieni paragrafu tat-tieni pagna tar-rikors huwa minnu, huwa d-dover tieghu li javza sabiex kwalunkwe posta diretta lilu ma tigix distrutta jew li jirrimedja riskji ta' din ix-xorta;*
*2.4 Illi ma hemm l-ebda dubju li l-ittra mertu ta' dan il-kaz u li giet mibghuta lilu hija wahda registrata, kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.”*

Ra r-risposta tal-kjamata in kawza **Jobsplus** ipprezentata fit-28 ta' Frar 2017 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*“It-talba kif dedotta hija infondata fil-fatt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez peress illi kull pretensjoni bhal dik odjerna ma tista' qatt tingieb kontra Jobsplus gja l-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig minhabba li l-Korporazzjoni mxiet skond il-ligi u fil-parametri li tipprovdi l-ligi.”*

Sema' lir-rikorrent;

Ra n-nota tar-rikorrent wara li fis-seduta tat-3 ta’ Marzu 2017 it-Tribunal stieden lill-istess sabiex jindika l-artikoli tal-ligi li minnhom temani l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal biex jiehu konjizzjoni tat-talba tieghu kif dedotta;

Ra l-affidavit tar-rikorrent;

Ra li fis-seduta tas-26 ta’ April 2017 it-Tribunal issolleva *ex officio* l-inkompetenza tieghu sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrent;

Sema’ t-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni sollevata *ex officio;*

**Ikkunsidra:**

Illi mix-xhieda tar-rikorrent jirrizulta illi sakemm inqalghet il-kwistjoni odjerna huwa kien jirregistra ghax-xoghol fuq l-Ewwel Parti tar-Registru ma’ Jobsplus. Jghid li l-prassi kienet li meta kien imur jirregistra bil-mezz tal-impronta digitali, kienet dak il-hin stess tohrog nota mis-sistema jekk huwa kellu xi notifikazzjoni bhal perezempju biex imur xi kors jew xi intervista. Jghid li pero` gieli rcieva notifikazzjonijiet minn Jobsplus permezz ta’ posta ordinarja. Jispjega li fil-blokk ta’ appartamenti fejn joqghod hu hemm kaxxa tal-ittri wahda li tappartjeni lil erba’ appartamenti. Jistqarr illi huwa rcieva ittra datata 11 ta’ Awissu 2016 minn Jobsplus fejn gie infurmat li kien inqata’ minn fuq l-Ewwel Parti tar-Registru tax-Xoghol. Meta mar jistaqsi x’kienet ir-raguni gie infurmat li kellu xi programm u ma marx ghalih. Jispjega illi ghalhekk huwa appella minn din id-decizjoni pero` l-Awtorita` Nazzjonali tax-xoghol ikkonfermat id-decizjoni appellata. Jispjega illi l-ittra li suppost gie mgharraf biha li kellu jattendi ghal *work programme initiative* kienet intbaghtet bil-posta registrata pero` huwa ma staqsiex min kien irceviha.

**Ikkunsidra:**

Illi mit-trattazzjoni orali pprezentata lil dan it-Tribunal mid-difensur tar-rikorrent jirrizulta illi l-lanjanzi principali tieghu huma tnejn, u cioe`:

1. Vjolazzjoni tad-dritt ta’ smiegh xieraq waqt is-smiegh tal-appell quddiiem l-Awtorita Nazzjonali tax-Xoghol mid-decizjoni ta’ Jobsplus, u
2. Zball fl-applikazzjoni tal-ligi

Illi fir-rigward tal-ewwel lanjanza gie sottomess illi r-rikorrent ma nghatax smiegh xieraq biex jikkontesta d-decizjoni ta’ Jobsplus li permezz taghha gie maqtugh

minn fuq l-Ewwel Parti tar-Registru tax-Xoghol. Fir-rigward tat-tieni lanjanza, giet sottomess illi persuna li tirregistra fuq l-Ewwel Parti titlef tali dritt biss jekk hija tirrifjuta xoghol fuq bazi *full time*.

Illi d-difensur tal-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol issottometta illi l-lanjanzi tar-rikorrent ma kellhomx jitressqu quddiem dan it-Tribunal, imma *semmai*, kellhom jitresqu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ai termini tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi d-difensur ta' Jobsplus issottometta illi d-decizjonijiet tal-Awtorita` intimata ma hemmx appell minnhom. Jghid li r-rikorrent diga kellu dritt ta' appell mid-decizjoni ta' Jobsplus.

Illi t-Tribunal jinnota illi bejn dak li gie sottomess fit-trattazzjoni orali u dak li gie mitlub permezz tar-rikors promutur hemm differenza sostanzjali. Filwaqt li fir-rikors promutur dan it-Tribunal gie mitlub li jirrevoka u jhassar kemm id-decizjoni ta' Jobsplus u dik tal-Awtorita` intimata abbazi tal-fatt li r-rikorrent jikkontendi li qatt ma rcieva l-ittra biex jattendi ghal *work programme intiative*, fis-sottomissjoniet finali l-lanjanzi tieghu kienu li kien sar ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq u wkoll li sar zball fil-ligi.

Illi ghalhekk, dan it-Tribunal irid necessarjament jissindika l-kompetenza tieghu ai termini ta' kif gie postulat ir-rikors promutur u mhux abbazi ta' dak sollevat fit-trattazzjoni tal-abbli difensur tar-rikorrent. Illi dan it-Tribunal ra l-Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Tahrig) u minn l-ebda provvediment fl-istess ligi ma jirrizulta illi dan it-Tribunal ghandu xi kompetenza jissindika decizjonijiet derivanti minnhom.

Min-naha l-ohra il-kompetenza ta' dan it-Tribunal tinsab delinejata f'artikoli 5 u 7 tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva), li jghidu is-segwenti:-

"Artikolu 5 *"(1) Qiegħed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva,* ***bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra****, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*

*(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skond l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u*

*Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi."*

Artikolu 7 *"*(1*) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.*

*(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 u fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u sakemm xi dispożizzjoini tal-liġi ma tippreskrivix xi terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba għar-reviżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni."*

Illi jekk imbaghad wiehed jara artikolu 25 (2) isib illi mad-dhul fis-sehh tal-istess Att, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kellu jkollu l-kompetenza li kellhom il-persuni, korpi u tribunali amministrattivi msemmija fil-liġijiet elenkati fit-Tielet Skeda, qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess ligi. Illi madankollu jirrizulta li l-imsemmija Tielet Skeda giet imhollija barra taħt l-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji u l-emendi li kien hemm fl-Iskeda ġew inkorporati fil-leġislazzjoni relattiva. Hekk perezempju wiehed isib dritt ta' appell f'certi cirkostanzi minn decizjoniet tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta[1], minn decizjonijiet tat-*Transfer of Residence Exemptions Board*[2], u minn decizjonijiet tal-Awtorita` Maltija Dwar ir-Rizorsi,[3] fost ohrajn.

It-Tribunal jinnota illi ai termini tal-artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 343, l-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol hija t-tribunal amministrattiv adita biex tisma' appelli taht l-istess Att, tant li skond l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 490 hija wahda mit-tribunali amministrattivi hemm imsemmija li ghandhom jimxu skond il-principji ta' mgieba amministrattiva tajba, kif *del resto* jrid jimxi fuqhom dan it-tribunal.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi m'ghandux kompetenza jissindika d-decizjonijiet li permezz taghhom ir-rikorrent hassu aggravat.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, it-Tribunal qieghed jiddikjara li mhux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-aggravji kif kontenuti fir-rikors promuturipprezentat mir-rikorrenti.

[1] Artikolu 40 tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta
[2] Regolament 4 (10) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01
[3] Artikolu34 tal- Kaptiolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**